

Brussell, 17 ta' Ġunju 2021  
(OR. en)

9690/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0083(NLE)**

---

**AVIATION 158**  
**RELEX 541**  
**OC 31**

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                             |
|----------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                            |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                               |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istat tal-Qatar, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra<br>- Adozzjoni |

1. L-abbozz ta' Ftehim ta' hawn fuq huwa r-riżultat tan-negożjati mmexxija mill-Kummissjoni abbażi tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill fis-7 ta' Ġunju 2016 lill-Kummissjoni biex tiftaħ negożjati mal-Istat tal-Qatar bil-ħsieb li jiġi konkluż Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru. L-abbozz ta' Ftehim ġie inizjalat fl-4 ta' Marzu 2019.
2. Fit-8 ta' April 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-abbozz ta' Ftehim imsemmi hawn fuq u għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' dak il-Ftehim (7666/21 u 7665/21 rispettivament).
3. Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni eżaminaw l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja matul vidjokonferenzi informali fil-15 ta' April u d-29 ta' April 2021. Barra minn hekk, id-delegazzjonijiet ġew ikkonsultati permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub fl-20 ta' Mejju 2021.
4. Wara l-eżami fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja u t-test tal-abbozz ta' Ftehim ġew riveduti mis-servizzi tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jeżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 8457/21 u t-test tal-abbozz ta' Ftehim kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 7744/21, u jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta dik id-Deċiżjoni sabiex jippermetti l-iffirmar tal-Ftehim.
6. Il-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-PE.
7. F'dan il-kuntest, huwa nnotat li l-iffirmar tal-abbozz ta' Ftehim u l-applikazzjoni proviżorja tiegħu huma appoġġati wkoll mill-Istati Membri fil-kapaċità tagħhom bħala Partijiet għal dak il-Ftehim flimkien mal-Unjoni.

---